**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 31 ta' Mejju, 2017**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 183/2008**

**Improved Design Contractors Limited**

**vs**

**Matrix Company Limited u**
**b'nota tat-18 ta' Mejju 2017**
**l-isem ta' Matrix Company Limited gie mibdul ghal**
**Conquistador Estates Limited**
**Allchem Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-20 ta' Frar, 2008 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta attrici giet inkarigata mill-konvenuti sabiex tforni materjal u tezegwixxi diversi xoghlijiet gewwa l-fond ossija fabbrika B45A, Qasam Industrijali ta' Bulebel, Zejtun ghall-beneficcju tal-istess konvenuti;

2. Illi s-socjeta attrici bdiet tezegwixxi l-inkarigu moghti lilha skond kif miftiehem mal-konvenuti, b'dan illi bdiet tforni l-materjal u bdiet tesegwixxi x-xoghlijiet mertu tal-appalt in kwistjoni;

3. Illi sussegwentement, il-konverruti tterminaw l-appalt mertu tal-kawza odjerna minghajr l-ebda raguni valida fil-ligi;

4. Illi f'dan l-istadju s-socjeta attrici kienet gia indahlet f'diversi spejjez relatati mal-materjal fornit u max-xoghlijiet esegwiti;

5. Illi hekk kif evidenzjat minn DOK: A hawn anness, tali spejjez kienu jammontaw ghal tmient elef mitejn u wiehed u sittin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm8,261.41); illum dsatax-il elf, mitejn tlieta u erbghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€19,243.91) illi minnhom il-konvenuti kienu gia hallsu l-ammont ta' hamest elef tmien mija tlieta u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€5,823.43), u kwindi fadal bilanc ta' tlettax-il elf erba’ mija u ghoxrin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€13,420.48) favur is-socjeta attrici illi l-konvenuti ghadhom sallum ma hallsux;

6. Illi, inoltre, wara li l-inkarigu moghti lis-socjeta attrici gie tterminat minghajr ebda raguni valida fil-ligi, il-konvenuti rrifjutaw li jaghtu access lir-rapprezentanti tas-socjeta attrici sabiex dawn jirtiraw id-diversi ghodod u materjal, proprjeta tal-istess socjeta attrici, illi thallew fuq il-post ossija gewwa B45A Qasam Industrijali ta' Bulebel, Zejtun;

7. Illi hekk kif evidenzjat minn DOK: B hawn anness, il-valur tal-ghodod u l-materjal suriferit, jammonta ghal tlett mitt lira Maltin u disghin centezmu (Lm300.90); illum seba' mitt ewro u wiehed u disghin centezmu (€700.91);

8. Illi nonostante interpellati sabiex jissaldaw id-debitu illi ghandhom mas-socjeta attrici, il-konvenuti baqghu inadempjenti minghajr raguni valida fil-ligi.

Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

I. Tikkundanna lill-konvenuti, flimkien u solidalment bejniethom, sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' tlettax-il elf erba’ mija u ghoxrin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€13,420.48), rapprezentanti l-bilanc tal-prezz materjal u xoghol provdut mis-socjeta attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenuti;

II. Tikkundanna lill-konvenuti, flimkien u solidalment bejniethom, sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' seba' mitt ewro u wiehed u disghin centezmu (€700.91), rapprezentanti l-valur tal-ghodda u l-materjal li l-konvenuti rrifjutaw li jirritornaw lis-socjeta attrici fi tmiem l-appalt in kwistjoni;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalrnent, u bl-imghax legali dekorribli mill-20 ta' Settembru 2007 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subbizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta Matrix Company Limited li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija intempestiva stante illi s-socjeta attrici ma ezegwietx ix-xoghol kollu lilha appaltat, anzi ghal kuntrarju, abbandunat l-istess xoghlijiet b'decizjoni unilaterali u abbuziv taghha.

2. IIIi bla pregudizzju u subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont mitlub ghax-xoghlijiet mhuwiex dovut ghaliex jirrigwarda in parti xoghlijiet li saru biex is-socjeta attrici issewwi u tirripazza hsarat u xoghol hazin ikkagunati minnha stess kontra l-istess ftehim tal-appalt, u mill-qbija ghax ix-xoghol ezegwit gie ezegwit b'mod

hazin u mhux skond is-sengha u l-arti, tant li kellu jerga' jsir mill-gdid, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. IIIi subordinatament u fit-tielet lok, is-socjeta eccipjenti qatt ma impediet lis-socjeta attrici milli tiehu lura l-ghodod u l-attrezzi li jappartjenu lilha, imma kienet l-istess socjeta attrici li, meta abbandunat ix-xoghlijiet, abbandunat ukoll dawn l-ghodod warajha. Dawn l-ghodod jistghu jittiehdu liberalment mis-socjeta attrici meta trid. Konsegwentement mhu dovut ebda kumpens jew danni rigwardanti dawn l-ghodod.

4. Fir-raba lok, kif gia fuq imsemmi, is-socjeta attrici irrendiet ruhha responsabbli ghal diversi danni fil-post fejn kien qed jigi esegwit l-appalt u ghalhekk l-eccipjenti qed tipprevalixxi ruhha minn din il-kawza billi tistitwixxi l-infriskritta kontrotalba, ghad-danni minnha sofferti.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta Allchem Ltd. li tghid hekk:

1. IIIi, preliminarjament, il-kumpanija esponenti mhijiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. IIIi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikorrenti fil-konfront tal-kumpanija esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li il-kumpanija intimata Allchem Limited ma ghandha taghti xejn lill-kumpanija rikorrenti u qatt ma obbligat ruhha li thallas xi haga lill-kumpanija rikorrenti;

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, ix-xoghlijiet mertu tal-kawza u li saru mill-kumpanija rikorrenti fuq inkarigu tal-kumpanija intimata Matrix Company Limited gewwa proprjeta tal-kumpanija esponenti ma sarux skond is-sengha u l-arti;

4. Salv eccezzjonijiet ohra li jistghu jitressqu mill-kumpanija intimata skond il-ligi, b'rizerva ghal kwalunkwe azzjoni ghad-danni li l-kumpannija esponenti jista' jkollha skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-kumpannija rikorrenti li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-kontrotalba tas-socjeta Matrix Company Limited li tghid hekk:

1. lIIi s-socjeta Matrix Company Limited kienet inkarigat is-socjeta Improved Design Contractors Limited sabiex tesegwixxi xoghlijiet ta' aluminium u gibs, fost affarijiet ohra, fil-fond ossia fabbrika B45A, Qasam Industrijali ta' Bulebel, Zejtun skond il-kundizzjonijiet u pattijiet miftiehma bejniethom.

2. Illi fil-kors ta' dawn ix-xoghlijiet, is-socjeta Improved Design Contractors Limited ikkagunat diversi hsarat fl-istess fond kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, liema danni kellhom jissewwew minn terzi bi spiza zejda ghas-socjeta Matrix Company Limited.

3. IIIi s-socjeta Improved Design Contractors Limited waqfet hesrem mix-xoghlijiet lilha appaltati u abbandunat l-istess abbuzivament u unilateralment u b'hekk

ikkagunat danni lis-socjeta Matrix Company Limited, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. IIli minhabba l-inadempjenza tas-socjeta Improved Design Contractors Limited, is-socjeta Matrix Company Limited inkorriet penali versu s-socjeta Allchem Limited li ghaliha hija responsabbli ukoll l-istess socjeta Improved Design Contractors Limited.

Ghaldaqstant tghid is-socjeta' Improved Design Contractors Limited, hawn rikonvenuta:-

1. Ghaliex ma ghandhiex tigi dikjarata responsabbli ghad-danni kollha sofferti minn Matrix Company Limited ghar-ragunijiet fuq imsemmija.
2. Ghaliex dawn id-danni ma ghandhomx jigu likwidati okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.
3. Ghaliex l-imsemmija socjeta Improved Design Contractors Limited ma ghandhiex tigi kundannata li thallas lill-Matrix Company Limited dawk id-danni li jigu hekk likwidati flimkien mal-imghaxijiet legali.

Bl-ispejjez ta' din il-kontrotalba kontra Improved Design Contractors Limited li hija ngunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta attrici Improved Design Contractors Limited ghall-kontrotalba li tghid hekk:

I. ILLI, fl-ewwel lok, jigi rilevat illi mhuwiex minnu illi s-socjeta rikonvenzjonata ikkagunat diversi hsarat ossija danni fil-fond in kwistjoni. Ghal kuntrarju, is-socjeta rikonvenzjonata esegwiet diversi xoghlijiet, fuq l-inkarigu u ghal beneficcju tas-socjeta rikonvenzjonanti u tas-socjeta konvenuta Allchem Limited, konsistenti f'xoghlijiet reparatorji li kienu rikjesti wara xoghlijiet illi kienu originarjament twettqu minn terzi persuni li kienu gew precidentement inkarigati mill-istess socjeta rikonvenzjonanti u dik konvenuta;

II. ILLI, fit-tieni lok, mhuwiex minnu illi s-socjeta rikonvenzjonata abbandunat l-appalt de quo abbuzivament u unilateralment u ghalhekk isegwi illi ma gew ikkagunati l-ebda danni lis-socjeta rikonvenzjonanti f'dan is-sens. Ghal kuntrarju, kienet l-istess socjeta rikonvenzjonanti, flimkien ma' dik konvenuta, illi waqfu jaghmlu pagamenti akkont tax-xoghol illi kien qieghed jigi esegwit mis-socjeta rikonvenzjonata, skond l-inkarigu li gie moghti lilha, gewwa l-fond de quo b'dan illi l-istess socjeta rikonvenzjonata tpoggiet fl-impossibilita - illi tkompli tesegwixxi l-inkarigu moghti lilha;

III. ILLI, fit-tielet lok, kwalsiasi danni sofferti mis-socjeta rikonvenzjonanti, konsistenti f'penali mposti mis-socjeta konvenuta, gew ikkagunati unikament b'rizultat tal-agir tal-istess socjeta rikonvenzjonanti u dik konvenuta u cioe b'rizultat tal-inadempjent totali fir-rigward tal-hlasijiet akkont, dovuti lis-socjeta rikonvenzjonata;

IV. ILLI, fir-raba lok, kwalsiasi danni li qed tirreklama s-socjeta rikonvenzjonanti ghandhom jigu debitatment ippruvati skond il-ligi, a tenur, inter alia, ta' artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta];

V. ILLI, fil-hames lok, t-talbiet rikonvenzjonanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti billi mhuwiex minnu illi s-socjeta rikonvenzjonata ikkagunat xi danni lis-socjeta rikonvenzjonanti, kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

VI. SALV eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat l-atti, ir-rapport peritali u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti**

Is-socjeta konvenuta Allchem Limited inghatat fabbrika mill-Malta Industrial Parks (MIP) fil-qasam industrijali ta' Bulebel. Is-socjeta Improved Design Contractors Limited (IDCL) tqabbdet minn-Allchem sabiex izzarma l-fabbrika li Allchem kellha f'Rikazli u kif ukoll il-fabbrika l-gdida (flimkien mal-ufficcini) f'Bulebel u wara sabiex taghmel xoghlijiet ta' 'finishing' fl-istess ufficcini. Is-socjeta konvenuta Matrix Company Limited inghatat it-'tender' minn Allchem biex taghmel dawn ix-xoghlijiet u biex tagixxi bhala l-kuntrattur.

**Talbiet**

IDCL qed titlob li tithallas minghand Matrix u Allchem ghax-xoghlijiet esegwiti minnha [bilanc ta' €13,420.48] kif ukoll ghall-ghodda u l-materjal li halliet fuq il-post [€700.91].

**Eccezzjonijiet**

Matrix eccepiet illi IDCL ma lestietx u abbandunat ix-xoghol, li kkawzat hsarat u ghamlet xoghol hazing, u li hi ma mpedietx lil IDCL milli tiehu l-ghodda u l-materjal.

Allchem wiegbet li hi mhix il-legittimu kontradittur, u ma ghandha taghti xejn lil IDCL kif ukoll li x-xoghlijiet saru hazin.

Matrix ressqet kontrotalba fejn talbet li tithallas minn IDCL id-danni relatati mal-hsarat ikkagunati minnha li kellhom jissewwew minn terzi u kif ukoll penali nkorsi versu Allchem wara li IDCL abbandunat ix-xoghol.

IDCL wiegbet ghall-kontrotalba u cahdet li hija kkagunat diversi hsarat; li abbandunat l-appalt u li hija responsabbili ghal danni u penali.

**Konkluzzjonijiet tal-perit tekniku**

Illi l-perit tekniku rrelata u wasal ghas-segwenti konkluzzjonijiet:

5.01 L-attrici Improved Design Contractors Limited esegwiet xoghlijiet fl-fabbrika tal-konvenuta Allchem Limited B45A, Qasam Industrijali, Bulebel, Zejtun konsistenti primarjament f'xoghlijiet ta' finitura fl-ufficcini li hemm mal-istess fabbrika, liema xoghlijiet ma sarux kollha skont l-arti u s-sengha u lanqas tlestew mill-attrici li l-valur taghhom qed jigi stmat fl-ammont ta' €11,652.32. Il-konvenuta Matrix Company Limited hallset lill-attrici l-ammont ta' €5,823.43 akkont ghal dawn ix-xoghlijiet, u ghalhekk jifdal bilanc dovut mill-konvenuta Matrix Company Limited lill-attrici fl-ammont ta' sebat elef, disa' mija u sitta u ghoxrin euro u wiehed u tletin centezmi (€7,926.31).

5.02 L-attrici halliet 'scaffolding' u materjal fuq il-post tax-xoghol wara li waqqfet mix-xoghlijiet li kienet qed tesegwixxi (f'Settembru 2007), liema 'scaffolding' u materjal ghandhom valur ta' seba' mitt euro u wiehed u disghin centezmi (€700.91). Ghalkemm l-attrici saret taf mill-ewwel li dahlet kumpanija ohra (Persian Limited) sabiex tkompli fuq ix-xoghlijiet taghha, l-attrici ma haditx passi sabiex tirtira l-istess 'scaffolding' u materjal minn fuq il-post. Ghaddew diversi snin, du issa l-'iscaffolding' u materjal ma ghadhomx fuq il-post.

5.03 Waqt l-ezekuzzjoni ta' dawn ix-xoghlijiet, proprjament fil-fazi tat-tindif, l-attrici qatet 'low-voltage wires' li ma kelliex tnehhi, bir-rizultat li l-apparat tal-'Closed Circuit Television' u 'Intruder Alarm' kellu jitqieghed fl-ufficcju tad-Direttur tal-Konvenuta Allchem Limited minflok f''server room' li thejjiet apposta. Ghalkemm jirrizulta li hemm madwar €5,986.58 spejjez sabiex dawn il-'wires' isiru mill-gdid, jirrizulta li l-konvenuta Allchem Limited hallset €1,693.17 spejjez zejda sabiex dawn il-'wires' gew 'rerouted' ghall-ufficcju tad-Direttur minflok fis-'server room' fejn kienu ppjanati. Ma jirrizultax li l-konvenuta Matrix Company Limited sofriet xi danni fir-rigward.

5.04 Waqt l-ezekuzzjoni ta' dawn ix-xoghlijiet, proprjament wara l-fazi tat-tindif, naqas 'airconditioner second-hand' li kien hemm fuq il-post. Ma jirrizultax li l-konvenuti xtraw 'airconditioner' gdid minflok u lanqas ma jirrizulta li l-konvenuta Matrix Company Limited sofriet xi danni fir-rigward.

5.05 Ghalkemm il-konvenuta Matrix Company Limited qed tirreklama li sofriet danni minhabba dewmien min-naha tal-attrici, ma jirrizultax li l-konvenuta Matrix Company Limited sofriet xi danni fir-rigward.

5.06 Lanqas ma jirrizulta li l-konvenuta Matrix Company Limited sofriet xi danni ohra tort tal-attrici.

5.07 Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Allchem Limited li hija mhix il-legittimu kontradittur fil-konfront tal-attrici, jirrizulta li ghall-bidu, minhabba l-ghagla, il-konvenuta Allchem Limited qabbdet lill-attrici tibda x-xoghlijiet minnufih wara li Allchem Limited inghatat il-fabbrika f'Bulebel, liema xoghlijiet hadithom 'over' wara, il-konvenuta Matrix Company Limited meta inghatat it-'tender' fl-20 ta' April 2007 fejn l-attrici baqghet topera bhala 'subcontractor' tal-istess konvenuta Matrix Company Limited fejn min-naha taghha Matrix Company Limited ghamlet ukoll xi pagamenti akkont lill-attrici.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**Eccezzjonijiet preliminari**

**Legittimu kontradittur**

Il-kumpanija Allchem Limited eccepiet li hija mhix il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Issostni li s-socjeta attrici trid tipprova li ghamlet xi xoghol fuq inkarigu ta' Allchem. Ma kinitx Allchem Limited li inkarigat lil IDCL biex tforni xi materjal u tezegwixxi xoghlijiet gewwa l-fond in kwistjoni.

Huwa risaput illi min jeccepixxi li mhux il-legittimu kuntradittur stante nuqqas ta' relazzjoni guridika jehtieg li juri, bi provi adegwati, illi huwa ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza. Sabiex jigi stabbilit jekk persuna hijiex jew le l-legittimu kontradittur ta' parti f'kawza, jehtieg li fl-ewwel lok jigi stabbilit fuq bazi ta' prima facie jekk il-persuna li giet imharrka kinitx materjalment involuta f'dak li

minnu qeghdin jilmentaw s-socjetajiet attrici, cioe jekk bl-agir taghha nholoqx relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini kif gew proposti mis-socjetajiet attrici (**Grace Sacco vs Supretendent Mediku fl-Isptar Generali ta' Ghawdex et**, PA 16/10/2007).

Fil-kaz in ezami, Felix Mifsud xehed li fil-bidu l-istruzzjonijiet kien jirceviehom minn Phyllis Micallef ghan-nom ta' Allchem[1]. Huma bdew jahdmu f'Jannar 2007 u Matrix hadet l-administration u l-finanzi f'idejha meta rebhet it-tender fl-20 ta'April 2007. Qabel kienet Allchem li tikkordina kollox. Hu jghid li Matrix u Allchem huma tal-istess familja Micallef[2] ghalkemm Phyllis Micallef tinnega dan[3].

Mil-provi mressqa jirrizulta li Phyllis Micallef dejjem kellha certu interess kemm f'Matrix kif ukoll f'Allchem[4]. Ghalkemm fil-bidu l-ftehim sar ma' Allchem wara, meta Matrix hadet it-'tender' ghax-xoghlijiet fl-ufficcini[5], IDCL thallset minghand Matrix ghax-xoghlijiet li saru. Il-procedura kienet li IDCL tithallas tramite Matrix ghax-xoghlijiet li Allchem kienet tehtieg fil-fabbrika. Phyllis Micallef kienet timla cheques ta' Matrix li kienu jkunu ghandha diga' ffirmati biex tithallas l-attrici. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti Allchem ma tistax tghid li hija estraneja ghal dak li minnu qeghdha tilmenta s-socjeta attrici.

Din l-eccezzjoni ghalhekk qeghda tigi michuda.

**Intempestivita tal-azzjoni attrici**

Illi l-kumpanija Matrix eccepiet illi l-azzjoni attrici hija ntempestiva stante illi s-socjeta attrici ma esegwietx ix-xoghol kollu lilha appaltat, anzi ghall-kuntrarju, abbandunat l-istess xoghlijiet b'decizjoni unilaterali u abbuziv taghha.

IDCL issostni li mhux minnu li hija abbandunat l-appalt abbuzivament u unilaterlament, ghalhekk hija ma kkawzat l-ebda danni lis-socjeta Matrix. Tghid li

---

[1] It-tieni affidavit ta' Felix Mifsud pagna 4

[2] Dok. 'D' mal-affidavit ta' Felix Mifsud. It-tieni affidavit ta' Felix Mifsud pagna 3. Affidavit ta' Mary Anne Bezzina pagna 1 u 2

[3] Affidavit ta' Phyllis Micallef Dok. 'PM' pagna 5. Xhieda ta' Phyllis Micallef pagni 26, 27, 32. Dok. 'MTX1' u dokumenti esebiti man-nota responsiva.

[4] Mid-dokumenti esebiti jirrizulta li Phyllis Micallef kellha karigi fiz-zewg kumpaniji konvenuti. Matrix Co. Ltd. illum sar jisimha Conquistador Est. Ltd u Phyllis Micallef hija direttur. It-tifel ta' Phyllis Micallef, Matthew Micallef, kien fiz-zmien rilevanti direttur ta' Matrix Company Ltd. u azzjonist f'Allchem Ltd.

[5] Xhieda ta' Jozef Galea pagni 38, 39, 43. Xhieda ta' Perit Kurt Camilleri Burlo pagna 4

kienu l-konvenuti li waqqfu li jaghmlu l-pagamenti akkont tax-xoghol illi kien qieghed jigi esegwit minnha b'dan li hija tpoggiet fl-impossibilita li tkompli tesegwixxi l-inkarigu moghti lilha.

Il-Qorti tqis li fost il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali illi min jeccepixxi d-difiza non rite adimplendi contractus tista' titqajjem f'kull kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku u hija mahsuba li twaqqa' l-azzjoni avversarja mibdija minn min ma kienx wettaq dak li ntrabat ghalih fl-istess kuntratt. Fejn eccezzjoni bhal din tirrizulta misthoqqa, l-parti mharrka tikseb l-gharfien gudizzjarju li hija tista' tissospendi l-ezekuzzjoni tar-rabtiet taghha sakemm il-parti l-ohra attrici tibqa' inadempjenti. Illi pero, biex dan jista' jsir, jrid jintwera li min jirrezisti l-hlas ma kienx huwa nnifsu inadempjenti f'xi haga li kellu jaghmel taht l-istess kuntratt. Il-principju jinbena fuq il-presuppost li min jonqos li jwettaq dak li jkun intrabat bih f'kuntratt ma jistax iwaqqa' l-istess kuntratt fuq il-kawzali tal-inadempiment tal-parti l-ohra. Minbarra dan, biex dik l-eccezzjoni tista' tintlaqa' jehtieg jintwera li (a) l-inadempiment tal-parti attrici trid tikkonsisti fi ksur ta' rabta li hija parti integrali mill-ftehim; (b) li dak il-ksur trid tkun tassew tahti ghalih il-parti attrici; u (c) hemm proporzjonalita bejn in-nuqqasijiet tal-partijiet. Biex jista' jinghad li parti kontraenti titqieghed fl-impossibilita li twettaq dak li tkun intrabtet bih, irid jirrizulta li, wara li jkun sar il-ftehim, tkun inhalqet cirkostanza fizika, materjali jew guridika li tolqot direttament in-negozju obbligatorju.

Illi meta parti f'kuntratt tonqos li twettaq dak li ntrabtet bih, trid thallas lill-parti l-ohra d-danni (artikoli 1640(3), 1125 u 1135 tal-Kodici Civili). Ladarba d-danni mitluba huma ta' natura kuntrattwali, l-ghan taghhom irid ikun dak li jaghmlu tajjeb ghall-hsara li l-parti kontraenti mgarrba turi li batiet minhabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-ohra, u ma ghandhomx ikunu ghodda ta' piena kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkazjoni ghall-parti mgarrba li tistaghna bi hsara tal-parti inadempjenti. B'mod partikolari, min, minhabba ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun dahal ghaliha, jsir responsabbli ghall-hlas tad-danni lill-parti l-ohra jrid jaghmel tajjeb ghal kull dannu li ragonevolment jitqies konsegwenti direttament ghal dak in-nuqqas, filwaqt li l-istess parti mgarrba ghandha d-dmir li tiehu l-passi mehtiega biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma taghmlux aghar (ara **Gulluaimer Industries Ltd vs Taormina Holdings Limited**, PA 22/11/2012).

Illi applikati dawn il-principjji ghal kaz in ezami ghandu jirrizluta mill-provi prodotti li l-ahhar pagament li sar mill-konvenuti kien fl-Lulju 2007. IDCL tghid li hi ma kinitx qed tircevi pagamenti minghand l-konvenuti biex thallas lill-haddiema taghha u biex tkun f'posizjoni li tixtri l-materjal li tigi ordnata tixtri mill-konvenuti. Kien ghalhekk li f'Settembru huma ssospendew ix-xoghol sakemm jircievu l-pagament iehor akkont li kienu talbu izda l-konvenuti ma waslux biex jaghmlu dan il-pagament.

Il-konvenuti wiegbu li huma ma kienux lesti li jhallsu lill-IDCL ghal xoghol hazin u mhux iccertifikat mill-Perit u lanqas li jhallsu jekk ma jinghatawx invoice minn IDCL.

Illi mill-provi jirrizulta li qabel ma waqfu mill-pagamenti, Matrix kienet diga ghamlet pagamenti ohra akkont lil attrici minghajr ma kienu hemm bzonn li jinhargu invoices minn IDCL. Inoltre ma hemmx prova li l-ftehim kien li l-pagamenti kellhom isiru kontra invoices u mhux akkont max-xoghol kif qed isostni s-socjeta' attrici.

Jirrizulta wkoll li anke meta bdew il-problemi, cjoe meta nqatghu l-wires tas-CCTV 'intruder alarm fil 12 ta' Marzu 2007 il-konvenuti xorta wahda kienu hallsu akkont. Matrix lanqas kienet ghadha hadet it-tender, u l-ahhar pagament akkont sar f'Lulju 2007. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti r-raguni ghaliex l-pagamenti mill-konvenuti ma kienux qed isiru mhiex dik li tawh l-konvenuti imma l-versjoni tas-socjeta' attrici li ghandha aktar mis-sewwa.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti IDCL ma kienitx abbandunat l-appalt abbuzivament u unilaterlament imma kienet issospendiet ix-xoghol bl-esperanza li l-konvenuti jaslu biex jaghmlu pagamenti ohra akkont ghax-xoghol li kien diga sar. Konferma ta' dana huwa l-fatt li IDCL ma kinitx zarmat minn fuq il-lant tax-xoghol u halliet l-materjal u l-ghodda fuq il-post ghax kienet qed tistenna li ser tkompli x-xoghol hija wara li jsir pagament iehor. Invece s-socjeta' attrici sabet li l-konvenuti kienu qabbdu lill-haddiehor biex ikompli x-xoghol.

Illi ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi michuda wkoll.

**L-Ghodda u l-materjal li thalla fuq il-post**

Konnessa ma dina l-kwistjoni dwar l-abbandun tal-appalt hemm il-kwistjoni dwar l-abbandun tal-ghodda u l-materjal fuq il-post tax-xoghol minn IDCL. Illi meta IDCL issospendiet ix-xoghlijiet f'Settembru 2007 hija kienet halliet 'scaffolding' u materjal fuq il-post warajha fil-valur ta' €700.91.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li IDCL interpellat jew ghamlet xi tentattiv sabiex tirtira dan l-'iscaffolding' u materjal, liema 'scaffolding' u materjal jidher li gie nieqes wara li Matrix dahlet kuntratturi ohra jahdmu wara IDCL. Ma jirrizultxa lanqas li l-konvenuti kienu qed jostakolaw lill- IDCL milli tmur u tigbor l-affarijiet li halliet warajha. Illi dana ma kienx kaz ta' depozitu ta' materjal li l-konvenuti accettaw ghandhom imma abbandun tal-istess materjal. Jigi rilevat li l-konvenuti ma kienux obbligati li jikkustodjaw u lanqas li jirritornaw dan il-materjal, jew jiddepozitaw taht l-awtorita tal-Qorti la darba IDCL hallewh warajhom u ma rtirawhx.

**Ix-xoghlijiet li saru minn IDCL**

IDCL hadet hsieb dawk ix-xogholijiet gewwa Bulebel li huma indikati fil-fattura Dok. A a fol. 5 u 6 tal-process. Hija kienet involuta fix-xoghlijiet fl-ufficcini li kienu jinvolvu 'plastering', 'painting', 'suspended ceilings' u 'air-conditioners supply and installation'. Dawn ix-xogholijiet gew spjegati dettaljatament mill-perit tekniku fil-para. 4:11 tar-rapport tieghu. A fol. 27 u 28 tar-rapport il-perit tekniku ehmez dokument li fih il-kont tal-attur (a fol. 5-6); kont tal-konvenuti (Dok. LSF1) u kont tal-perit tekniku. Fil-kont tieghu, il-perit tekniku jsemmi x'ammont hu dovut lis-socjeta attrici u jikkumenta dwar fejn jaqbel jew ma jaqbilx maz-zewg kontijiet l-ohra.

Mhux kontestat li IDCL ma lestietx ix-xoghlijiet kollha ghax kif gja nghad Felix Mifsud telaq minn fuq il-post minhabba l-problema tal-hlas[6]. Wara li IDCL telqet Allchemqabbdet kuntrattur iehor (Persian Limited) sabiex ikompli u jirranga fejn hallew IDCL. IDCL tichad li hija kienet giet infurmata dwar xoghol hazin[7] waqt li min

[6] Xhieda ta' Felix Mifsud pagna 72
[7] Affidavit ta' Felix Mifsud Dok. 'AS1' fol. 195. Xhieda ta' Felix Mifsud pagni 71 u 72. Tieni affidavit ta' Felix Mifsud pagni 11 u 12. Affidavit ta' Mary Anne Bezzina pagna 4. Affidavit ta' Jean Pierre Portelli pagna 2

naha l-ohra l-Perit Camilleri Burlo xehed li Felix Mifsud accetta li kien hemm difetti, qal li ser jirranga kollox, pero ghadda z-zmien u baqa ma ghamel xejn[8].

Dwar ix-xoghlijiet li saru qed issir referenza ghad-dokument a fol. 27 u 28 tar-rapport. Dawn mhux ser jigu ripetuti imma ser jigu rilevati biss is-segwenti punti.

Dwar il-kwalita tax-xoghol li ghamlet IDCL, partikolarment ix-xoghol tas-suffetti, Allchem qabbdet kuntrattur iehor (Persian Limited) sabiex ikompli u jirranga fejn hallew IDCL. Huma xehdu li kif sar s-suffett ma kienx joghgobhom billi x-xoghol kien sar hazin. Ghalhekk huma kellmu lill-Perit Camilleri Burlo u dana qalilhom li kif sar ix-xoghol ma kienx tajjeb u kellu jinqala u jinbidel.

Il-konvenuti ma jaqblux mal-konkluzzjoni tal-perit nominat mill-Qorti li parti biss mix-xoghol tas-suffett ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Il-perit ikkostata li kien biss is-suffett fl-ufficcju ta' Joseph Micallef li fih sar xoghol mhux skont is-sengha u l-arti u li dan biss kien inbidel u mhux dak ta' Phyllis ukoll. Il-konvenut sostna li s-suffett inbidel kollu fiz-zewg ufficcini. Il-perit tekniku tah ir-ragunijiet teknici ghaliex huwa ikkonkluda li kien inbidel biss is-suffett fl-ufficcju ta' Joseph Micallef. Meta sar domandi lil perit bil-miktub u anki fl-eskuzzjoni tieghu il-perit nominat mill-Qorti zamm mal-posizzjoni tieghu u qal li ma kienx hemm kontestazzjoni waqt l-access li s-suffett tad-direttur biss inbidel ghax kieku kien hemm kontestazzjoni huwa kien jiftah u jara.

Jidher li l-kwistjoni dwar xoghol hazin titratta biss il-'gypsum soffits' u mhux it-'tiled soffits'. Il-Perit Tekniku jaqbel li t-tiswijiet ta' difetti simili fis-suffett li kien hemm fl-ufficcju tad-Direttur u fil-'bulkheads' fil-kuridur ta' hdejh jistghu jigu rrangati biss jekk dawn jizzarmaw u jergghu isiru mill-gdid kif fil-fatt gara. Fuq din il-parti Persian ma kienux tqabbdu sabiex jibdlu u x-xoghol baqa' kif hallew IDCL (items 2-6).

Illi l-Qorti tosserva li bhal kull prova, rapport ta' perit tekniku hu kontrollabbli mill-gudikant u Qorti ma ghandha l-ebda obbligu li taddotta l-fehma espressa mill-perit

[8] Xhieda ta' Perit Kurt Camilleri Burlo pagni 8 u11

tekniku kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha. Hu maghruf ukoll pero li fi kwistjonijiet ta' natura teknika Qorti ma ghandhix facilment tiskarta l-opinjoni espressa minnu. F'cirkostanzi simili sabiex tiskarta tali fehma, "il-konvinzjoni kuntrarja taghha ghandha tkun informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika" (**C. Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat**, 1967 Vol. LI.I.390)

Il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista et noe**, (09/02/2001) qalet hekk:

> F'cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhhu fl-aspetti teknici tal-mertu imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti nominati minnu.

Dan aktar u aktar meta l-istess konvenuti ma pprevalewx ruhhom mill-fakolta lilhom moghtija mil-ligi li jitolbu n-nomina ta' periti addizzjonali. Il-Qorti tirrileva in oltre li l-perit tekniku acceda fuq il-post u ra mal-partijiet dak li kien qed jigi kontestat. Wara giet prezentata r-relazzjoni tieghu, sarulu domandi bil-miktub u anke saret eskuzzjoni u l-perit wiegeb ghall-kull domanda li saritlu u ikkonferma l-konkluzzjonijiet tieghu.

Ghalhekk il-Qorti qed tikkondividi l-konkluzzjoni tal-perit tekniku fuq dina l-kwistjoni kontestata mill-konvenuti.

Dwar it-tindif (items 22-26) il-perit jghid li IDCL naddfet ix-xoghol taghha u ta' haddiehor flimkien u talbet il-hlas tieghu. Huwa minnu li x-xoghol ta' tindif ghandu jkun inkluz mal-istess xoghlijiet, madankollu rrizulta li IDCL naddfet mhux biss wara x-xoghlijiet taghha imma wkoll wara xoghlijiet ta' kuntrattur iehor tal-kisi u tibjid li hadem qabel lestew is-suffetti. Il-Perit ikkonsidra ghalhekk l-attrici ghandha tithallas biss tan-nofs tat-tindif li talbet u li kien jifforma parti mill-istess xoghlijiet li ghamlet IDCL (items18 -20). Hu kejjel ix-xoghol ta' tindif bis-siegha u mhux bil-fattura skont il-prassi.

Dwar il-problema tal-'airconditioner', ma jirrizultax li l-'airconditioners' saru minn IDCL, u ghalhekk ma ghandux ghalfejn jigi kkunsidrat li kien hemm xi nuqqas minn IDCL fir-rigward.

L-intimati jilmentaw li IDCL kienet qed ticcargja prezzijiet esagerati. Dwar ir-rati ghax-xoghlijiet li ghamlet IDCL, jirrizulta li kien sar biss ftehim bil-fomm bejn IDCL u Matrix.[9] Jozef Galea ghal Matrix ma ftakarx x'kien dan il-ftehim[10], filwaqt li jirrizulta wkoll li IDCL kienet harget 'quotations' Dok. 'C' lil Allchem f'Jannar 2007[11] u Phyllis Micallef ghal Allchem prezentat ukoll 'quotation' Dok. 'PM1'.[12] Gew prezentati wkoll ir-rati fil-kuntratt bejn Allchem u Matrix (fejn il-'gypsum soffit' u z-zebgha huma ngassati) (fol. 81).

Jigi rilevat li dina ma kinitx l-ewwel darba li Allchem hadmet b'IDCL ghalhekk Allchem ma tistax tghid li ma kienitx taf x'kienet ticcargja IDCL. Il-konvenuti kienu accettaw l-offerta ta' IDCL u barra minn hekk kiennu ghamlu pagamenti akkont minghajr riservi.

**Kontrotalba**

**Il-qtugh tal-wires godda**

Permezz tal-kontrotalba taghha, Matrix ressqet 'claim' ghad-danni fil-konfront ta' IDCL sabiex 'wires', maqtugha bi zball minn IDCL, jergghu isiru kif suppost[13].

Dawn il-'wires' inqatghu fit-12 ta' Marzu 2007[14] minn IDCL meta hija kienet qed taghmel ix-xoghol ta' tindif li kien jinkludi t-tnehhija tal-'wires' qodma tal-elettriku[15] fejn inqatghu bil-'wire-cutter'[16] minn mad-'drum' taghhom u thalla metru 'wire' imdendel mal-hajt[17].

[9] Affidavit ta' Jozef Galea pagna 1. Xhieda ta' Jozef Galea pagna 47
[10] Xhieda ta' Jozef Galea pagna 50
[11] Dok. 'C' mat-tieni affidavit ta' Felix Mifsud
[12] Dok. 'PM1' mal-affidavit ta' Phyllis Micallef
[13] Xhieda ta' Jozef Galea pagna 40
[14] Affidavit ta' Felix Mifsud Dok. 'AS1' fol. 193
[15] Xhieda ta' Jozef Galea pagni 39 u 40. Xhieda ta' Phyllis Micallef pagna 28
[16] Xhieda ta' Perit Kurt Camilleri Burlo pagna 5
[17] Xhieda ta' Joseph Bonello pagna 17

IDCL issostni li dawn il-wires kienu mal-art u fit-trab u li meta kienu kellmu lil Phyllis Micallef dina kienet qaltilhom biex jnehhu kollox u li kien fuq struzzjonijiet taghha li qatghu l-wires.

Illi kif irrimarka l-perit tekniku l-inkarigu lil IDCL kien sabiex tnehhi l-‘wires’ mill-ufficcini u mhux sabiex taqta’ ‘wires’ dehlin mill-fabbrika. Inoltre hawnhekk mhux qed nitkellmu fuq xi ‘wire’ wiehed jew tnejn imma 46 ‘wire’ fuq ir-romblu li jkunu mmarkati sabiex tkun tista ssir l-installazzjoni taghhom fis-‘server room’. Illi l-perit tekniku li sema x-xhieda viva voce wasal ghal konkluzzjoni li l-atturi ma kienux inghataw struzzjonijiet biex jaqtghu dawn il-wires u l-Qorti ma ssib xejn li jgieghla tasal biex ma taqbilx mal-perit tekniku.

Allchem sofriet spejjez zejda fl-ammont ta’ €1,693.17 ghar-‘rerouting’ tal-istess ‘wires’ fl-ufficcju tad-Direttur fejn l-istess ‘rerouting’ qed jikkawza problemi ta’ hsejjes u ingombru. Is-soluzzjoni biex jitnehhew ghal kollox dawn il-hsejjes u l-ingombru huwa li dawn il-‘wires’ isiru mill-gdid bi spejjez ohra ta’ madwar €5,986.58 ghal Allchem.

Skond ir-rapport tal-Perit Camilleri Burlo, “Since replacing the whole length of cables would have resulted in an excessive cost burden on IDCL, as a means of good faith, the client agreed to allow IDCL to reroute the remaining length of cables to a closer office as long as such expenses are covered by IDCL”.

Jigi rilevat li l-kontrotalba ghal hlas ta’ dawn il-wires ma saritx minn Allchem li allegatament batiet dawn l-ispejjez imma minn Matrix. Allchem ma ghamlet ebda kontrotalba.

Fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha Allchem sahqet li hija ma ghandha ebda relazzjoni guridika ma’ IDCL ghalhekk ma kinitx ressqet kontrotalba imma hija irriservat li tfittex lil Matrix ghad-danni li sofriet fir-rigward tal-qtugh ta’ dawn il-wires.

Jirrizulta li l-wires inqatghu fit-12 ta’ Marzu 2007 meta Matrix, li ghamlet il-kontrotalba, lanqas kienet ghada hadet it-tender. Rilevanti wkoll huwa l-fatt li l-

quotation ta' Alberta ghar-rewiring harget hames xhur wara, cioe fl-1 ta' Awwissu 2007 u ma saritx claim formali ghar-rewiring lil IDCL hlief wara li infethet il-kawza. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma giex pruvat li Matrix sofriet xi danni fir-rigward u l-allegata riserva li saret bejn Matrix u Allchem hija res inter alios acta.

F'items 10 -16 a fol. 27 il-perit inaqqas ammonti mitluba minn IDCL billi l-ispejjez reklamati minn IDCL ma kienux ikunu necessarji li kieku IDCL ma qatetx il-'wires'.

**It-telf tal-'airconditioner'**

Fil-kontrotalba taghha, Matrix ressqet talba ghad-danni fil-konfront ta' IDCL sabiex jinxtara 'airconditioner' gdid[18] wara li 'airconditioner second hand' naqas minn fuq il-post. Jozef Galea u Phyllis Micallef xehdu li dan l-'airconditioner' intrema minn IDCL[19] filwaqt li Felix Mifsud jinnega li l-haddiema ta' IDCL rmew xi 'airconditioner'[20].

Illi fil-fehma tal-Qorti ma hemmx provi bizzejjed biex hija tista' tikkonkluldi li kienet IDCL li remiet dana l-airconditioner. Dana l-airconditioner kien thalla f'post fejn kien accessibili ghall kullhadd fejn skip fil-parking area u fejn il-haddiema ta' IDCL ma kienux l-unici haddiema fuq il-post.

Inoltre  ma tressqux provi dwar id-daqs ta' dan l-'airconditioner' li kien tad-ditta 'Philco'[21] (BTUs)[22], u jirrizultax li dan l-'airconditioner' kien 'second hand'.

Jigi rilevat ukoll li anke fuq dan l-item il-kontrotalba ghal hlas ta' dan l-airconditions ma saritx minn Allchem imma minn Matrix. Allchem ma ghamlet ebda kontrotalba.

Allchem issottomettiet li hija irriservat li tfittex lil Matrix ghad-danni li hija sofriet fir-rigward imma kif gia inghad din l-allegat riserva hija res inter alios acta, ghalhekk din it-talba ma tistax tigi milqugha billi Matrix ma sofriet ebda danni fir-rigward.

---

[18] Dok. 'LSF1' pagna 3
[19] Xhieda ta' Jozef Galea pagna 41.  Affidavit ta' Phyllis Micallef Dok. 'PM' pagna 3
[20] Affidavit ta' Felix Mifsud Dok. 'AS1' fol. 194
[21] Affidavit ta' Phyllis Micallef Dok. 'PM' pagna 3
[22] Xhieda ta' Jozef Galea pagna 49

Dina l-kontrotalba ghalhekk qed tigi michuda.

**Hsarat ohra**

Matrix qed titlob l-ammont ta' €1,690.38+VAT (Lm672+Lm100 6% skont+VAT)[23] ghall-hsara fil-kisi u z-zebgha tal-hitan li saret minn IDCL waqt li kienet qed taghmel is-suffett[24]. Dawn il-hsarat ma gewx pruvati, u fil-para. 4:63 il-perit jaghti r-ragunijiet tieghu ghaliex ma jikkonsidrax li din il-kontrotalba ghandha tintlaqa' u spjega ghaliex ma accettax il-figura ta' Lm672 li kienet biss ghall-zebgha u mhux xoghol rimedjali. Inoltre jirrizulta li Persian Limited kienet thallset minn Allchem u ghalhekk ma jirrizultax li Matrix sofriet xi danni fir-rigward u li taghhom u titlob il-hlas.

**Id-dewmien**

Mhux kontestat li x-xoghlijiet kellhom isiru b'certu ghagla billi Allchem kellha terminu biex titlaq minn Rikasoli u tibda topera mill-fabbrika fil-kwistjoni f'Bulebel. F'dan ir-rigward Matrix qed tirreklama l-ammont ta' €5,241.09+VAT (Lm2,250+VAT)[25] ghal tlett xhur dewmien[26].

Il-konvenuti jsostnu li x-xoghlijiet minn IDCL kienu mexjin bil-mod hafna u hafna drabi IDCL kien ikollha haddiem wiehed biss fuq il-post tax-xoghol[27]. Brian Muscat li nstalla l-'airconditioners' ghal HTS xehed pero li IDCL kellha madwar erba' jew hames haddiema[28]. Inoltre, kif irrimarka l-perit tekniku, suffetti jistghu jigu nstallati biss minn tal-inqas zewg persuni billi jkun hemm bzonn ta' persuna biex izzomm u ohra biex torbot.

Illi fl-ebda stadju IDCL ma giet interpellata formalment b'xi terminu biex tesegwixxi x-xoghlijiet ghalkemm kien hemm din l-urgenza. Huma ma gew moghtija ebda time

[23] Dok. 'JZW3' fol. 85. Dok. 'LSF1' pagna 3
[24] Xhieda ta' Perit Kurt Camilleri Burlo pagni 9 u 13
[25] Dok. 'LSF1' pagna 3
[26] Rapport ta' Perit Kurt Camilleri Burlo Dok. 'JZW1' fol. 19
[27] Affidavit ta' Jozef Galea pagni 3 u 39. Affidavit ta' Phyllis Micallef Dok. 'PM' pagna 2. Xhieda ta' Perit Kurt Camilleri Burlo pagni 4 u 5
[28] Affidavit ta' Brian Muscat Dok. 'AS2' fol. 196

frames biex jispicaw ix-xoghol. Ghalhekk ma jirrizultax li Matrix setghet sofriet xi danni fir-rigward ta' dewmien.

**Danni ohra reklamati minn Matrix**

Illi MATRIX qed titlob ukoll danni ghal:
a. Toqob[29] €146.75+VAT (Lm63+VAT)[30]
b. Tindif €931.75+VAT (Lm160+Lm240+VAT)

a. Il-perit tekniku ma jikkonsidrax gustifikata din il-kontrotalba billi t-toqob normalment ikunu 'extra' fuq ix-xoghol tas-suffett tant li Matrix hallset 'extra' ghall-istess toqob kif jidher fil-kont ta' Persian Limited.

b. Jirrizulta li Persian Limited kienet l-uniku kuntrattur li hadmet wara li IDCL waqfet mix-xoghlijiet u billi mill-fattura tal-istess Persian Limited (Dok. 'JZW3' fol. 85) ma jirrizultax li Persian Limited talbet xi hlas fir-rigward dina t-talba mhiex gustifikata.

Dwar id-danni reklamati mill-konvenuti, jigi rilevat ukoll illi galadarba IDCL mhux ser tithallas tax-xoghol hazin u sar ukoll tnaqqis sabiex l-istess xoghol hazin jinqala', l-perit tekniku ma kkonsidrax li Matrix ghandha tithallas sabiex l-istess xoghlijiet regghu saru sewwa minn Persian Limited galadarba Matrix tpoggiet fis-sitwazzjoni originali qabel qabbdet lil IDCL.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tikkundanna lill-konvenuti, flimkien u solidalment bejniethom, sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' €7,926.31 rapprezentanti l-bilanc tal-prezz tal-materjal u xoghol provdut mis-socjeta attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenuti; tichad it-tieni talba ghal hlas ta' €700.91 (b'dan li pero f'kaz li dawn l-ghodod ghadhom jinstabu ghand il-konvenuti Allchem Limited, dawn ghandhom jittiehdu lura liberalment mis-socjeta attrici).
Tichad il-kontrotalba.

---

[29] Fis-suffett ghall-'light fittings'
[30] Dok. 'LSF1' pagna 3

L-ispejjez tal-kawza attrici jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet u bl-imghax legali dekorribli mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

L-ispejjez tal-kontrotalba jithallsu min Matrix Company Limited.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur